Madankollu, ta' min jinnota li, b'mod inġenerali, l-inflazzjoni tal-ikel f'Malta stabbilizzat lejn livelli aktar baxxi meta mqabbla ma' żviluppi kif seħħew matul l-2022 u l-2023. L-introduzzjoni tal-iskema Stabbiltà fi Frar 2024 ikkontribwiet ukoll għall-pressjonijiet 'l isfel fil-prezzijiet tal-ikel. Barra minn hekk, effetti bażi kbar influwenzaw l-inflazzjoni tal-ikel, jiġifieri l-kontribuzzjoni għat-tibdil fl-inflazzjoni annwali minn bidliet xahar fuq xahar sena qabel. Fl-ewwel xhur tal-2025, l-inflazzjoni tal-ikel f'Malta rreġistrat żieda annwali medja ta' 2.7 fil-mija.

**Chart 1.31**
**Inflazzjoni tal-Ikel f'Malta u main trading partners**




**Sors: Eurostat, MFIN**

Minħabba l-insularità tagħha, Malta timporta sehem sinifikanti tal-ikel tagħha, u tagħmilha suxxettibbli għal xokkijiet fil-provvista ta' prodotti agrikoli fl-ekonomiji tal-imsieħba kummerċjali. Fl-aħħar tnax-il xahar sa Mejju 2025, l-inflazzjoni tal-ikel fl-ekonomiji Ewropej (miżuna bl-importazzjoni tal-ikel ta' Malta) kienet ftit fuq il-livell iżda, xorta taħt il-medja annwali preċedenti. Fl-2025, l-inflazzjoni annwali tal-ikel kienet madwar 3.3 fil-mija. Id-dipendenza ta' Malta fuq l-importazzjoni tagħmilha suxxettibbli għall-prezzijiet internazzjonali u rati ta' trasport bil-baħar miżjuda minħabba sistemi ta' trasport alternattivi limitati, kif ukoll is-suq żgħir tagħha, l-inflazzjoni domestika tal-ikel fl-2025 uriet li stabbilizzat f'rata medja aktar baxxa.

### 1.3.3 Tkabbir tal-Pagi

Il-pagi reali rkupraw fl-2024, b'pagi nominali jiżdiedu b'rata medja ta' 12.1 fil-mija. Dan l-iżvilupp jista' jiġi attribwit parzjalment għaż-żidiet fil-pagi fil-ftehim kollettiv tal-edukaturi u l-ftehim tas-settur pubbliku kif ukoll l-aġġustament eċċezzjonali għaż-żidiet tal-għoli tal-ħajja (COLA). Madankollu, fl-ewwel kwart tal-2025, it-tkabbir tal-pagi reali naqas minħabba effetti bażi mill-perjodu preċedenti u COLA iktar baxxa. Iż-żieda ammontat għal 5.1 fil-mija fl-2025Q1 u l-pagi nominali żdiedu b'7.2 fil-mija fuq l-istess perjodu. Dan huwa tajjeb għall-konsum privat hekk kif it-tkabbir tal-pagi reali jqanqal l-attività ekonomika, madankollu jekk it-tkabbir tal-pagi ma jiġix ikkumpensat minn żidiet korrispondenti fil-valur tal-produttività, dan iwassal għal tnaqqis fil-profitti tal-intrapriżi u possibbilment telf fil-kompetittività.

**Chart 1.32**
**Tkabbir tal-paga reali - Malta**




**Sors: National Statistics Office**

Analiżi tad-dekompożizzjoni tad-deflatur tal-PGD tissuġġerixxi li storikament, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-prodotti illi nipproduċu lokalment sostniet iż-żidiet fil-profitti unitarji (jew surplus operattiv gross). Dan kien aċċentwat speċjalment fil-perjodu ta' rkupru ta' wara l-pandemija fejn l-irkupru tal-produttività kompla jsostni żidiet fil-profitti tal-intrapriżi minflok il-pagi. Madankollu mill-2024 'il quddiem, hekk kif il-prezzijiet stabbilizzaw, iż-żidiet fil-prezzijiet sostnew iż-żidiet fl-ispejjeż tax-xogħol waqt li l-produttività baqgħet pjuttost stabbli. Lejn l-aħħar tas-sena 2024, iż-żidiet fl-ispejjeż tax-xogħol qabeż iż-żidiet fil-prezzijiet u l-produttività, b'konsegwenza illi l- profitti unitarji waqgħu.

Chart 1.33

**Tkabbir tal-paga reali - Malta**




**Sors: National Statistics Office**

### 1.3.4 Is-Suq tal-Proprjetà

**Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà**

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà (PPI) huwa indiċi ppubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) u jintuża biex jimmonitorja l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-proprjetà f'Malta. Il-metodoloġija wara tali indiċi tikkonsisti f'aggregazzjoni ta' prezzijiet medjani għal tliet tipi ewlenin ta' djar:

1. Appartamenti
2. Maisonettes
3. Terraced Houses

Chart 1.34
**Indiċi tal-prezzijiet tal-Proprjetà**




Sors: National Statistics Office

Il-proċess ta' aggregazzjoni jagħmel użu minn formula tat-tip Laspeyres, fejn il-prezzijiet kurrenti huma mqabbla mal-prezzijiet tas-sena bażi (f'dan il-każ is-sena bażi magħżula hija l-2015). Chart 1.34 turi l-iżviluppi annwali tal-PPI mill-2023 Q1 sal-2024 Q4. Kif muri fil-grafika, ir-rata ta' tkabbir annwali tal-PPI kienet tvarja bejn 5.0 fil-mija u 7.0 fil-mija bejn 2023Q1 u 2024Q4.

Chart 1.35
**Sidien tad-Djar**




**Sors: Eurostat**

Meta tqabbel l-ewwel kwart tal-2025 mal-istess kwart tas-sena preċedenti, in-numru ta' atti finali ta' bejgħ naqas ftit. L-aħħar data disponibbli li hija f'Mejju 2025 turi total ta' 1,199 att finali, ftit ogħla mill-istess xahar tal-2024. Mit-3,143 atti finali rreġistrati f'Q1/2025, 91 fil-mija kienu jinvolvu djar privati. Kuntratti attivi rreġistrati fis-suq tal-kiri kienu ta' 64,856 sal-aħħar ta' Ġunju 2024, żieda ta' madwar 15 fil-mija fuq is-sena 2023. Madwar 90% tal-kuntratti rreġistrati kienu għall-kiri fit-tul (mill-inqas sena), b'ulterjuri 9.5% ikklassifikati bħala spazji kondiviżi.

Ir-rata medja ta' sid tad-djar ta' Malta, bejn l-2019 u l-2024, kienet ta' 78.2 fil-mija meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 69.4 fil-mija. Fl-2024, ir-rata ta' Malta naqset għal 68.1 fil-mija minn 74.7 fil-mija fl-2023.

MIŻURI

UFFIĊĊJU
**TAL-PRIM MINISTRU**

## OPM

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 114 (2025) | Investiment fit-teknoloġija tal-Amministrazzjoni Pubblika. | Il-vijabilità ta' sors wieħed ta' data spazjali vverifikata u aġġornata se tiżgura approċċ konsistenti għad-deċiżjonijiet fl-Amministrazzjoni Pubblika kollha, waqt li żżomm lill-partijiet interessati infurmati dwar il-parametri ġeospazjali ewlenin. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 270 (2025) | Tfassil ta' politika u strateġija tal-midja għall-inċidenti maġġuri marbuta man-National Emergency Response Framework Programme (NERFP). | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 272 (2025) | Jiġi ristrutturat Boiler Wharf ġewwa l-Isla ħalli jservi biex jassigura li jkun hemm faċilitajiet adegwati biex jinżamm l-apparat meħtieġ f'każ ta' kriżi marittima. | Din il-miżura se tiżgura faċilitajiet adegwati biex jinżamm it-tagħmir essenzjali f'każ ta' kriżi marittima. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## OPM (P&SD)

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 115 (2025) | Investiment fil-ħiliet tal-impjegati pubbliċi permezz ta' taħriġ kontinwu. | L-impjegati tas-Servizz Pubbliku kollha | **Implimentata** |
| 116 (2025) | Investiment fil-kundizzjonijiet tal- xogħol tal-impjegati pubbliċi billi nkomplu nagħlqu ftehimiet kollettivi importanti. | L-impjegati tas-Servizz Pubbliku kollha | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## OPM (ES)

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 3 (2025) | Il-Paga Minima Nazzjonali se tiżdied bi €8.24 fil-ġimgħa u se tilħaq il-€221.78 fil-ġimgħa. | Il-ħaddiema li jirċievu l-paga minima | **Implimentata** |
| 111 (2025) | Tidhol fis-seħħ il-liġi 'Equal Pay for Work of Equal Value.' | L-impjegati ta' sottokuntratturi li jaħdmu għal kuntrattur u li jwettqu xogħol fis-settur privat | **Implimentata** |
| 112 (2025) | Titkompla r-reviżjoni tal-Wage Regulation Orders (WRO). | L-impjegati ta' setturi varji | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 291 (2025) | Jibda l-proċess għar-rinnovar ta' post tal-Gvern fil-Belt biex iservi ta' hub sabiex jipprovdi diversi servizzi psikosoċjali għall-membri tal-komunità LGBTIQ+ u l-familji tagħhom. | Il-membri tal-komunità LGBTIQ+ u l-familji tagħhom | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 292 (2025) | Ser tiġi eliminata t-taxxa fuq il-prodotti sanitarji billi nnaqqsu r-rata tal-VAT fuq dawn il-prodotti essenzjali għal 0%. | Tipprovdi aktar aċċessibilità għall-prodotti menstruwali billi tnaqqas il-piżijiet finanzjarji għan-nisa u l-persuni li jkollhom mestruwazzjoni u għaldaqstant ser tkun qed tiżdied l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. | **Implimentata** |
| 294 (2025) | Jissaħħu r-riformi li qegħdin jagħmlu differenza bit-twettiq tal-Istrateġija Nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. | Il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 295 (2025) | Jissaħħu r-riformi li qegħdin jagħmlu differenza bit-twettiq tal-Istrateġija Nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza kontra l-vjolenza domestika. | Il-vittmi ta' vjolenza domestika | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 296 (2025) | Jissaħħu r-riformi li qegħdin jagħmlu differenza bit-twettiq l-Istrateġija Nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin. | Il-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 297 (2025) | Jitwaqqaf dipartiment dwar konsultazzjoni pubblika u riċerka biex isaħħaħ l-imsieħba soċjali. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

### BMs 2024

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 338 (2024) | Drittijiet tal-Bniedem: Titkompla l-implimentazzjoni tal-ewwel Strateġija u Pjan ta' Azzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u gender mainstreaming. | **Implimentata f'Mejju 2025** |
| 339 (2024) | Drittijiet tal-Bniedem: Tkompli tiġi implimentata t-tielet Strateġija dwar LGBTIQ+, li ser twassal sal-2027. | **Implimentata f'Diċembru 2024** |



# MINISTERU
# GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U T-TURIŻMU

## MFT

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 181 (2025) | Titkompla l-ħidma fuq l-integrazzjoni tal-iskills pass fl-industrija tal-ospitalità biex naraw titjib sostanzjali fis-servizz offrut fir-ristoranti u l-lukandi tagħna kemm għat-turisti lokali u anke dawk barranin. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 314 (2025) | Malta ser tilqa' l-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-pajjiżi l-oħra kollha fi ħdan l-OSCE f'Summit tal-Ministri li se jkun jimmarka l-akbar konferenza internazzjonali li qatt ittellgħet f'pajjiżna. | Din il-miżura, li tammonta għal €9.2 miljun, kellha impatt dirett fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta kif ukoll fuq l-istabbiltà politika u ekonomika fil-Mediterran, speċjalment fl-isfond tal-ġrajjiet kurrenti. Minn dan se jibbenefikaw b'mod dirett iċ-ċittadini kollha Maltin kif ukoll dawk li huma residenti f'pajjiżna. | **Implimentata** |
| 315 (2025) | Malta se tkun qed tippresiedi l-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu. Hawnhekk, pajjiżna mistenni jkun qed jippresiedi l-Kumitat tal-Ministri li huwa magħmul mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri. | Din il-miżura ser timpatta r-relazzjonijiet ta' Malta mal-Istati Membri fl-isfond tal-ġrajjiet kurrenti globali. Minn dan ser jibbenefikaw b'mod dirett iċ-ċittadini Maltin kollha kif ukoll dawk li huma residenti f'pajjiżna. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |





# MINISTERU
# GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U GVERN LOKALI

## MCLG

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 288 (2025) | Proċess ta' tisħiħ tar-reġistru tal-artijiet kemm permezz ta' tiġdid leġiżlattiv kif ukoll dak amministrattiv. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 289 (2025) | Titnieda skema biex ċnus temporanji ta' proprjetajiet ikunu jistgħu jiġu mifdija. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 290 (2025) | Tiżdied l-effiċjenza fil-proċess ta' reġistrazzjoni ta' artijiet u proprjetajiet mgħoddija lill-Gvern mingħand entitajiet Ekkleżjastiċi. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 302 (2025) | Se tibda l-ewwel fażi tal-proġett tal-Culture Hub fil-Marsa, b'allokazzjoni ta' Fondi Ewropej. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 303 (2025) | Permezz ta' Creative Malta ser jingħata sapport għall-produtturi tal-films lokali u b'hekk nippromwovu l-industrija tal-films Maltin. | Din il-miżura, li tammonta għal €2 miljun, se tgħin u taffettwa lil dawk kollha involuti fil-produzzjoni – inkluż performance, technical, udjenzi eċċ. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 304 (2025) | Investiment fl-Aġenzija Nazzjonali Ġdida għall-Arti tal-Ispettaklu. | L-artisti tal-ispettaklu kollha | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 305 (2025) | Investiment fil-PBS permezz ta' bini ta' studio kbir u modern fuq is-sit ta' Malex House. | Il-komunità tal-arti lokali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 306 (2025) | Investiment fil-PBS permezz ta' rinnovazzjoni ta' Television House. | Il-komunità tal-arti lokali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 307 (2025) | Restawr f'Villa Portelli. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 308 (2025) | Restawr f'Villa Gwardamanġa. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 309 (2025) | Restawr fil-Palazz tal-Inkwiżitur. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 310 (2025) | Restawr fil-Katakombi ta' San Pawl. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 311 (2025) | Restawr fit-Teatru Manoel. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 312 (2025) | Jibdew numru ta' proġetti li jsaħħu l-wirt kulturali permezz tal-Iskema tar-Restawr. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

### BMs 2024

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 344 (2024) | Il-Gvern Lokali:<br><br>Ikompli t-tisħiħ tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali maċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-Kunsill tal-Ewropa. | **Implimentata f'Lulju 2025** |

### BMs 2023

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 253.3 (2023) | Għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-gallariji, il-ġnien tal-iskultura, ir-raba' fażi tal-proġett kif ukoll ser jitlestew l-uffiċini amministrattivi.<br><br>Ir-raba' fażi tal-proġett. | **Implimentata f'Ġunju 2025** |

### BMs 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 133.1 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq il-masterplan tal-Malta Film Studios, fejn se jibda x-xogħol fuq il-bini tal-ewwel soundstage f'pajjiżna. L-għan ewlieni huwa li noħolqu karrieri b'industrija sostenibbli.<br><br>(a) Apparat Ġdid. | **Implimentata f'Lulju 2025** |



MINISTERU
**GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL**

## MSPC

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| **11 (2025)** | Żieda lill-pensjonanti ta' €8 fil-ġimgħa jew €416 fis-sena, li tinkludi ż-żieda għall-għoli tal-ħajja. | Madwar 101,233 pensjonant | **Implimentata** |
| **12 (2025)** | Dawk li twieldu qabel l-1962 u li kieku għadhom jaħdmu s-salarju tagħhom jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu ta' €23,500, ser ikollhom aġġustament ieħor fil-pensjoni tagħhom. | Madwar 26,000 pensjonant | **Implimentata** |
| **15 (2025)** | Iż-żieda addizzjonali fil-pensjonijiet tar-romol ser tlaħħaq medja ta' madwar €3 fil-ġimgħa, addizzjonali maż-żieda ġenerali ta' €8 fil-ġimgħa. | Madwar 7,500 pensjonant | **Implimentata** |
| **16 (2025)** | Aġġustament tal-bonus tal-għoli tal-ħajja għall-pensjonanti. | Madwar 58,000 pensjonant | **Implimentata** |
| **17 (2025)** | Pensjonanti tas-servizz, mill-ġdid, ser jaraw l-ammont tal-pensjoni tas-servizz tagħhom, li ma jiġix ikkunsidrat għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jiżdied b'€200 oħra u jilħaq is-somma ta' €3,666. | Madwar 8,464 pensjonant | **Implimentata** |
| **18 (2025)** | Pensjonanti tas-servizz ser jibbenefikaw minn ċaqliq, grazzi wkoll għall-miżura li mal-età ta' 72 sena, l-ammont kollu kkalkulat mill-pensjoni tas-servizz ma jibqax jiġi kkunsidrat. | Madwar 240 pensjonant | **Implimentata** |
| **19 (2025)** | Ir-rati tal-bonus issa ser jinħadmu skont l-għadd attwali ta' bolol li tħallsu. Dawn ser ivarjaw minn €550 għal min ħallas sa sena bolol għal €1,000 għal min ħallas sa disa' snin bolol. | Madwar 16,000 persuna | **Implimentata** |
| **20 (2025)** | Persuni li twieldu fl-1976 jew wara, għalihom il-perjodu stipulat ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa jew akkreditati ser ikun ta' 42 sena, minflok 41 sena kif inhu bħalissa. | Individwi li twieldu fl-1976 'il quddiem | **Implimentata** |
| **21 (2025)** | Iċ-Children's Allowance jiżdied b'€250 oħra għal kull wild, irrispettivament mid-dħul tal-familja. | Madwar 42,000 familja li jinkludu madwar 63,000 tifel u tifla | **Implimentata** |
| **22 (2025)** | Titjieb fir-rata tal-allowance tat-tfal, barra li ninjoraw l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkunu tħallsu mid-dħul tal-ġenituri, ser nibdew ninjoraw ukoll l-ammont ta' taxxa fuq id-dħul li jkun tħallas. | Madwar 42,000 familja li jinkludu madwar 63,000 tifel u tifla, b'nefqa ta' €78 miljun għas-sena sħiħa 2025 | **Implimentata** |
| **23 (2025)** | Fil-komputazzjoni tar-rata tal-In-Work Benefit ser ikun injorat l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkunu tħallsu mid-dħul tal-ġenituri kif ukoll l-ammont ta' taxxa fuq id-dħul li jkun tħallas. | Il-ġenituri li jaħdmu | **Implimentata** |
| **24 (2025)** | Allowance speċjali ta' €500 lill-ġenituri li wliedhom ikomplu l-edukazzjoni postsekondarja tagħhom. | Madwar 10,500 ġenitur ta' tfal li jkomplu l-edukazzjoni postsekondarja | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 25 (2025) | Bonus ġdid għat-twelid u adozzjoni tat-tielet wild jew aktar fil-familja ta' €1,500. | Madwar 380 familja | **Implimentata** |
| 26 (2025) | Iż-żewġ konjuġi meta jingħaqdu fiż-żwieġ jew unjoni ċivili jirċievu €500 kull wieħed, li jfisser €1,000 bejn iż-żewġ konjuġi. | Madwar 3,000 persuna | **Implimentata** |
| 27 (2025) | Ġenituri prospettivi li jaħdmu għal rashom u li jagħmlu trattament tal-IVF ser ikunu intitolati għall-ħlas ta' benefiċċju ekwivalenti għal massimu ta' 60 siegħa ta' leave, bir-rata tal-paga minima nazzjonali għall-mara u 40 siegħa ta' leave bl-istess rata għall-konjuġi. | Ġenituri self-employed li jkunu jridu jgħaddu minn trattament tal-IVF | **Implimentata** |
| 28 (2025) | Id-dritt tal-leave tal-paternità ser jiġi estiż lill-missirijiet li jaħdmu għal rashom ukoll bil-ħlas ta' 10 ijiem (jew 80 siegħa) bl-istess rata tal-leave tal-maternità. | Missirijiet self-employed li normalment ma jkollhomx dritt għal-leave mħallas minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom | **Implimentata** |
| 29 (2025) | L-allowance għall-fostering ser jiżdied b'€10 oħra fil-ġimgħa u jitla' għal €120 fil-ġimgħa jew €6,240 fis-sena għal kull tifel jew tifla fil-kura. | 190 familja li qed jagħmlu fostering ta' madwar 290 tifel u tifla | **Implimentata** |
| 30 (2025) | Ħlas addizzjonali għall-familji bi dħul baxx jew medju bħala għajnuna biex ikunu f'qagħda li jlaħħqu aktar mal-għoli fil-prezzijiet. Kull familja titħallas bejn €100 u €1,500 fis-sena. | Madwar 99,000 familja | **Implimentata** |
| 31 (2025) | Allowance supplimentari li jingħata lill-koppji ser jiżdied b'€190 għal €1,289 fis-sena, filwaqt li r-rata għall-persuni singoli ser tiżdied b'€69 għal €667. Barra minn hekk, il-limitu tad-dħul għall-koppji ser jitwessa' sa €18,000 fis-sena. | Madwar 22,000 persuna | **Implimentata** |
| 32 (2025) | Issir reviżjoni tal-ammont tal-assi kapitali għall-assistenzi nonkontributorji billi l-limitu preżenti ta' €23,300 għall-miżżewġin jew koppji se jitla' għal €26,000 waqt li l-limitu ta' persuna singola se jitla' minn €14,000 għal €16,000. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 33 (2025) | Ħolqien ta' benefiċċju ġdid magħruf bħala Għajnuna Soċjali Medika, speċifikament għall-persuni li jsofru minn kundizzjonijiet ta' mard li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jaħdmu. | Madwar 1,500 persuna li jsofru minn kundizzjonijiet ta' mard li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jaħdmu | **Implimentata** |
| 34 (2025) | Il-limiti ser jitwessgħu b'€416 fis-sena minbarra ż-żidiet statutorji li jingħataw kull sena permezz tal-baġit. | Madwar 101,233 pensjonant | **Implimentata** |
| 35 (2025) | Mis-sena d-dieħla, żidiet fil-pensjoni kontributorja se jiġu injorati għall-fini tal-evalwazzjoni tat-test tal-mezzi tal-Għajnuna Medika bla Ħlas, li biha tali persuni jieħdu l-mediċini bla ħlas. | Madwar 4,000 pensjonant | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 36 (2025) | Kull persuna li tkun laħqet l-età ta' 75 sena u li tkun tibbenefika mill-Għajnuna Supplimentari se tibda tkun eliġibbli awtomatikament għall-mediċini b'xejn permezz tal-Kartuna r-Roża mingħajr il-ħtieġa li tissodisfa t-test tal-mezzi. | Madwar 4,000 persuna li tkun laħqet l-età ta' 75 sena | **Implimentata** |
| 37 (2025) | Persuni li jtemmu b'suċċess programm ta' rijabilitazzjoni u jsibu xogħol fiss ser ikunu jistgħu jikkwalifikaw għal sentejn ta' kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali. | Għall-eks vittmi tad-droga | **Implimentata** |
| 38 (2025) | Il-persuni b'diżabilità li jirtiraw u jieħdu l-pensjoni kontributorja ser jingħataw żieda fil-pensjoni biex tagħmel tajjeb għat-telfien tal-assistenza għal diżabilità. L-aġġustament ikun tali li l-pensjoni tilħaq mill-inqas il-Paga Minima Nazzjonali, iżda ż-żieda ma tkunx inqas minn 10% tal-assistenza li kienu intitolati għaliha qabel irtiraw. | Madwar 330 persuna b'diżabilità li tirtira u tieħu l-pensjoni | **Implimentata** |
| 39 (2025) | L-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa se tiżdied b'€7.42 fil-ġimgħa għal €199.61 fil-ġimgħa. | 920 persuna b'diżabilità severa | **Implimentata** |
| 40 (2025) | L-Assistenza għal Diżabilità Severa se tiżdied bi €3.49 fil-ġimgħa għal €128.15 fil-ġimgħa. | Madwar 3,741 persuna b'diżabilità severa | **Implimentata** |
| 41 (2025) | L-Assistenza għal Diżabilità wkoll se tiżdied bi €3.49 fil-ġimgħa għal €102.62 fil-ġimgħa. | Madwar 439 persuna b'diżabilità severa | **Implimentata** |
| 42 (2025) | L-Assistenza Miżjuda għal Carers se tiżdied b'€5.24 fil-ġimgħa u se titla' għal €179.02 fil-ġimgħa. | Madwar 1,138 carer | **Implimentata** |
| 43 (2025) | Assistenza għal Carers se tiżdied b'€5.24 fil-ġimgħa wkoll u se titla' għal €125.92. | Madwar 453 carer | **Implimentata** |
| 44 (2025) | F'każijiet fejn persuni jkunu qed jieħdu ħsieb waħidhom żewġ membri tal-familja b'dipendenza għolja jew medja, sal-lum dawn huma intitolati biss għall-ħlas ta' rata waħda tal-Allowance Miżjud għal Carer jew tal-Allowance għal Carer. Mis-sena d-dieħla, dawn il-persuni se jibdew jieħdu darba u nofs ir-rata tal-benefiċċju li għaliha jkunu intitolati. | Carers li qed jieħdu ħsieb waħidhom żewġ membri tal-familja b'dipendenza għolja jew medja | **Implimentata** |
| 45 (2025) | L-allowance li jingħata lill-familji bi tfal li jbatu minn diżabilità fiżika jew mentali se tiżdied b'€5 oħra fil-ġimgħa għal €35 fil-ġimgħa. | B'baġit ta' €652,000, se taffettwa 2,370 familja li għandhom 3,900 tifel u tifla | **Implimentata** |
| 46 (2025) | Żieda fil-Carers Grant li hija ekwivalenti għal nofs il-Paga Minima Nazzjonali netta. Din l-għotja ser togħla b'€193 oħra biex issa ser tilħaq €5,190 fis-sena. | B'baġit ta' €100,000, se taffettwa madwar 500 carer | **Implimentata** |
| 47 (2025) | Il-Carers Grant se jibda jitħallas ukoll lill-ġenituri li ma jaħdmux, li għandhom tfal b'diżabilità taħt is-16-il sena u li l-kundizzjoni tagħhom tkun meqjusa li hija severa ħafna u li tirrikjedi l-kura kontinwa u kostanti tal-ġenitur. | Il-ġenituri li mhumiex impjegati minħabba l-kura kontinwa li jipprovdu lit-tfal tagħhom b'diżabilità | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 48 (2025) | Ġenituri li jibbenifikaw mill-Carers Grant se jkunu koperti bil-kontribuzzjonijiet akkreditati skont l-istess prinċipji li jintużaw fil-krediti mogħtija lil min ikun qed jieħu l-Assistenzi għal Carers. B'hekk il-ġenituri milquta nissalvagwardjawlhom id-drittijiet li jista' jkollhom għall-pensjoni fil-futur. | Ġenituri li jibbenefikaw mill-Carers Grant | **Implimentata** |
| 64 (2025) | L-għotja li nagħtu lill-anzjani fl-età ta' bejn il-75 sena u d-79 sena li jgħixu f'darhom jew f'xi dar residenzjali li għaliha jħallsu minn buthom, ser tiżdied b'€50 għal €350. | Madwar 44,000 anzjan fl-età ta' bejn il-75 sena u d-79 sena | **Implimentata** |
| 65 (2025) | L-għotja lill-persuni fl-età ta' 80 sena u aktar li jgħixu f'darhom jew f'xi dar residenzjali li għaliha jħallsu minn buthom, ser terġa' tkun ta' €450. | Madwar 20,000 anzjan fl-età ta' 80 sena u aktar | **Implimentata** |
| 67 (2025) | Tiġi estiża l-iskema għall-eks membri tal-korpi li wara sabu impjieg fis-settur pubbliku. | Madwar 1,500 eks membru tal-korpi li wara sabu impjieg fis-Settur Pubbliku | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 68 (2025) | Tibqa' fis-seħħ l-iskema għal dawk li kienu daħlu fis-servizz pubbliku wara l-15 ta' Jannar tal-1979 sabiex jitħallsu għadd żgħir ta' eks apprendisti u studenti-ħaddiema li kienu bdew il-korsijiet tagħhom qabel dik id-data. | Madwar 11-il ħaddiem tal-Gvern | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 69 (2025) | Jibdew jingħataw il-pagamenti bħala kumpens lill-eks ħaddiema tal-Korporazzjoni Telemalta ingaġġati bejn Jannar tal-1978 u l-15 ta' Jannar tal-1979 li minħabba tibdil fil-politika tal-Korporazzjoni naqsu milli jikkwalifikaw għal skema ta' pensjoni simili għal dik li kienet fis-seħħ sal-bidu tal-1979 għall-impjegati fis-Servizz Pubbliku. | Madwar 175 eks ħaddiem tal-Korporazzjoni Telemalta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 70 (2025) | Jibdew jingħataw il-pagamenti bħala kumpens lill-eks ħaddiema tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding li b'mod arbitrarju fl-2003 kienu ġew trasferiti mal-Industrial Projects and Services Ltd, b'telf fid-dħul tagħhom. | Madwar 420 eks ħaddiem tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 71 (2025) | Jibdew jingħataw il-pagamenti bħala kumpens lill-eks ħaddiema tal-Gas Board li kienu ġew assimilati mal-Korporazzjoni Enemalta. | Madwar 110 eks ħaddiema tal-Gas Board | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 72 (2025) | Tingħata għotja ta' darba lill-eks ħaddiema tal-International Aeradio Ltd jew l-eredi tagħhom skont l-istess termini tal-iskema għall-persuni li kienu fil-korpi u wara daħlu jaħdmu f'dipartimenti tal-Gvern. | Madwar 30 eks ħaddiem tal-International Aeradio Ltd jew l-eredi tagħhom | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 73 (2025) | Sostenn lis-settur tal-volontarjat b'allokazzjoni ta' kważi €25 miljun għall-Public Social Partnerships li l-Gvern għandu ma' diversi għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-qasam soċjali. | 25 għaqda volontarja | **Implimentata** |

MINISTERU

**GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

## MAFA

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 182 (2025) | Ser jingħataw inċentivi lill-bdiewa mhux kummerċjali li għandhom raba' agrikola mikrija lilhom mingħand il-Gvern sabiex jidħlu f'arranġamenti ma' bdiewa kummerċjali li jkunu lesti jaħdmu dik l-art. | Din il-miżura, li tammonta għal €300,000, se ttejjeb il-faċilità ta' aċċess għal art agrikola produttiva għall-bdiewa kummerċjali. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 183 (2025) | Jiġi varat il-proġett pilota fejn art agrikola tkun offruta għall-kiri lill-bdiewa ġodda jew dawk li jridu jkabbru l-operat tagħhom fuq il-kunċett tal-prezz ġust u l-kategorizzazzjoni tal-bdiewa. | Din l-inizjattiva se tagħti aktar art agrikola għall-bdiewa ġodda u żgħażagħ, tħajjar kemm it-tkabbir ta' attività agrikola eżistenti kif ukoll dħul ġdid fis-settur. Barra minn hekk, l-art agrikola se tingħata prijorità għall-produzzjoni tal-ikel, u b'hekk tiġi msaħħa s-sigurtà fl-ikel. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 184 (2025) | Tħejjija għal pjan nazzjonali għall-ġestjoni tal-ilma tat-tisqija. | L-inizjattiva se ttejjeb fl-aċċessibilità għall-ilma għal dawk il-bdiewa li jaħdmu art agrikola u fl-istess ħin qed tindirizza l-problema għall-bidla fil-klima. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 185 (2025) | Jiġu esplorati mekkaniżmi li jindirizzaw ir-riskji klimatiċi li jiffaċċjaw il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda. | B'baġit sa €60,000, din l-inizjattiva se tipprovdi protezzjoni finanzjarja kontra l-impatti negattivi u tgħin fit-taħriġ tal-konsegwenzi ekonomiċi kkawżati minn avvenimenti mhux mistennija. | **Implimentata** |
| 186 (2025) | Twaqqif ta' Awtorità tas-Sigurtà tal-Ikel bħala regolatur ewlieni f'dan is-settur. Din l-Awtorità ser tkun responsabbli wkoll għas-sigurtà tal-ikel f'każ ta' kriżi. | It-twaqqif ta' din l-awtorità se jikkonsolida l-attivitajiet kollha relatati mas-sigurtà u s-sigurtà tal-ikel, u b'hekk itejjeb l-effettività, l-effikaċja, u l-koerenza fil-ġestjoni ta' kwistjonijiet marbuta mal-ikel. | **Implimentata** |
| 187 (2025) | Jiġi introdott inċentiv fiskali lill-produtturi u l-bejjiegħa tal-ikel sabiex prodotti li jkunu qed joqorbu d-data tal-iskadenza tagħhom jingħataw għall-bżonnijiet soċjali jew jinbiegħu bi prezz ridott. | Din l-inizjattiva għandha l-għan li tnaqqas l-iskart tal-ikel u żżid il-preżenza tal-ikel għan-nies soċjoekonomikament żvantaġġati tas-soċjetà permezz ta' miżuri, bħall-banek tal-ikel. | **Implimentata** |
| 188 (2025) | Investiment għal titjib fil-Biċċerija Pubblika. | Dan it-titjib se jsaħħaħ is-sostenibbiltà tal-biċċerija pubblika, billi jnaqqas l-iskart, u jikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 189 (2025) | Investiment għal titjib fil-Pixkerija. | Sistema ta' offerti diġitali b'madwar €10 miljun se tiġi implimentata biex jintlaħqu mekkaniżmi ta' prezzar u bejgħ aktar trasparenti u effiċjenti. | **Implimentata** |
| 190 (2025) | Tingħata għajnuna lis-sajjieda sabiex jaddottaw prattiċi, tagħmir u rkapti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. | Għajnuna finanzjarja ta' €450,000 se tappoġġja t-tranżizzjoni għal prattiċi favur l-ambjent. Dan se jgħin ukoll fit-titjib fil-protezzjoni tal-bijodiversità. | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 191 (2025) | Investiment infrastrutturali ġewwa l-portijiet tas-sajd b'sistemi ta' pillars u winċijiet sabiex inkomplu nsostnu s-settur. | Is-sajjieda rreġistrati se jibbenefikaw minn xogħlijiet ta' infrastruttura mtejba u aktar sigura, permezz ta' investiment ta' madwar €250,000 f'portijiet differenti madwar Malta u Għawdex. | **Implimentata** |
| 192 (2025) | Tisħiħ fid-diġitalizzazzjoni fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura permezz ta' fondi Ewropej. | B'investiment ta' €5.31 miljun, ġiet implimentata sistema diġitalizzata li tiġbor data f'ħin reali. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 193 (2025) | Permezz l-aġenzija tar-riċerka għas-sajd u l-akkwakultura, ser ikunu qed jiġu implimentati numru ta' proġetti, inkluż permezz ta' kollaborazzjonijiet internazzjonali. | Membri tal-istaff tal-Aquatic Resources Malta | **Implimentata** |
| 194 (2025) | Jiġi varat il-proċess għal ċentru ġdid tal-akkwakultura. | Dan il-proġett se jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' riċerka kemm għall-produzzjoni kif ukoll għall-konservazzjoni tal-ispeċi marittimi. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 195 (2025) | Se jkomplu jiġu megħjuna dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali permezz ta' skemi finanzjarji. | Ser tissaħħaħ l-infrastruttura fis-santwarji għall-annimali u anke għall-volontiera biex jitjiebu l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà, b'allokazzjoni li tammonta għal €315,000. | **Implimentata** |

## BMs 2024

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 211.3 (2024) | Nassiguraw il-Ħarsien tar-Raba' għall-Użu Agrikolu. | **Implimentata f'Lulju 2025** |
| 214 (2024) | Jiġu introdotti tikketti li jidentifikaw prodotti lokali u jipprovdu traċċabbiltà għall-ħaxix, frott u ħut frisk sabiex nippromwovu użu tal-prodotti lokali. | **Implimentata f'Lulju 2025** |
| 228 (2024) | Drittijiet tal-annimali: Tingħata għajnuna b'mod dirett f'xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni għas-santwarji. | **Implimentata f'Novembru 2024** |

## BMs 2023

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 218 (2023) | Jitkompla proġett pilota biex tiġi mnedija inizjattiva għall-carbon-farming. Dan il-proġett ser ikompli tul is-sena 2023 fejn ser jiġi analizzat l-effett tal-proġett pilota u tinħoloq strateġija. | **Implimentata fi Frar 2025** |

MINISTERU

**GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**

## MSAA

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 77 (2025) | Tkompli l-ħidma fuq is-sit tal-akkomodazzjoni soċjali ġewwa Ħal Farruġ. | 267 individwu u/jew familji | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 78 (2025) | Titjib fil-benefiċċju għas-sussidju fuq il-kera, b'żieda ta' €1,000 fuq l-ammont massimu tad-dħul annwali fuq il-kategoriji kollha. | 65 individwu u/jew familji | **Implimentata** |
| 79 (2025) | Allokazzjoni ta' €2 miljun għall-installazzjoni ta' liftijiet ġodda. | Madwar 200 individwu u/jew familji | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 80 (2025) | Skema ta' akkomodazzjoni affordabbli, 'Deposit Guarantee.' | Madwar 180 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 81 (2025) | Skema ta' akkomodazzjoni affordabbli, 'Equity Sharing.' | Madwar 75 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 82 (2025) | Skema ta' akkomodazzjoni affordabbli, 'Social Loan.' | Madwar 20 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 83 (2025) | Skema ta' akkomodazzjoni affordabbli,<br>'New Hope.' | Madwar 20 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 84 (2025) | Skema ta' akkomodazzjoni affordabbli,<br>'Sir Sid Darek.' | Madwar 225 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 85 (2025) | Nestendu l-iskema tal-First Time Buyers. | Madwar 6,900 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 86 (2025) | Nestendu l-iskema tal-Grant on First Residence. | Madwar 375 benefiċjarju | **Implimentata** |
| 87 (2025) | Nestendu l-iskema tat-tnaqqis fit-Taxxa tal-Boll għal second time buyers. | First-time u second-time buyers | **Implimentata** |





MINISTERU
# GĦALL-EKONOMIJA, L- INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

## MEEP

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 104 (2025) | Nestendu l-iskemi tal-Get Qualified. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 105 (2025) | Nestendu l-iskemi tal-Higher Educational Qualifications. | Il-pubbliku inġenerali taħt l-erbgħin sena | **Implimentata** |
| 138 (2025) | Tiġi varata l-Viżjoni Malta 2050. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 139 (2025) | Tħejjija għall-infrastruttura meħtieġa għad-Digital Identity Wallet. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 140 (2025) | Jitkompla x-xogħol fuq il-European Digital Innovation Hub (DiHubMT). | Ħaddiema u negozji żgħar u medji madwar Malta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 148 (2025) | Investiment fil-kumpaniji barranin f'Malta – ST Microeletronics. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 149 (2025) | Investiment fil-kumpaniji barranin f'Malta – GIMAS. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 150 (2025) | Investiment fil-kumpaniji barranin f'Malta – Baxter. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 151 (2025) | Jitkompla x-xogħol fiż-żona industrijali ta' San Ġwann fuq proġett li ħa jkun qiegħed jakkomoda fih laboratorji u kumpaniji meqjusa bħala light industry. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 152 (2025) | Jitkompla x-xogħol fuq il-Business Incubation Centre ġewwa Ħal Far. | Negozji żgħar u medji u intrapriżi madwar Malta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 153 (2025) | Ħidma fuq SME Park f'Ħal Far għal negozji żgħar u medji. | Negozji żgħar u medji madwar Malta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 154 (2025) | Promozzjoni tal-Crafts Village f'Ta' Qali. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 179 (2025) | Tiġi introdotta viża għall-atleti tal-esports biex tiffaċilita l-moviment tat-talent f'pajjiżna fis-settur tal-gaming. | Atleti tal-esports u s-settur tal-gaming f'Malta | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## BMs 2024

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 132 (2024) | Organizzati numru ta' workshops fuq green transition fejn se jkun hemm tagħrif dwar l-iskemi li qed joffri l-Gvern lill-industrija u jiġu diskussi prattiċi sostenibbli li jistgħu jiġu implimentati mill-intrapriżi lokali. | **Implimentata f'Novembru 2024** |
| 138 (2024) | Jitkomplew inizjattivi diversi biex l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp tal-logħob diġitali jkompli jissaħħaħ. | **Implimentata f'Mejju 2025** |

## BMs 2023

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 113 (2023) | Ser inniedu proġett pilota li ser jiffoka primarjament fuq is-settur tal-manifattura u l-avjazzjoni biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-industrija billi nassistu fl-upskilling tal-ħaddiema preżenti u fit-taħriġ ta' ħaddiema ġodda. | **Implimentata f'Mejju 2025** |

## BMs 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 103.3 (2022) | L-infrastruttura industrijali - Ħoliqen ta' spazji industrijali ġodda mingħajr ma tintuża art ODZ. Il-Life Sciences Park; Kordin Business Incubation Centre (KBIC); Ħal Far, Bulebel, Marsa, Kordin, San Ġwann u Ħal Luqa ser ikunu fost il-postijiet li ser jaraw parti minn dan l-investiment sostanzjali.<br><br>(b) Żona Industrijali Ħal Far | **Implimentata f'Awwissu 2025** |



# MINISTERU
# GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

## MIV

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 49 (2025) | Il-kreditu tat-taxxa jingħata bħala għajnuna għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità fuq spejjeż ta' terapiji speċjalizzati se jiżdied minn €500 għal €750. | Ġenituri ta' 2,045 tifel u tifla b'diżabilità | **Implimentata** |
| 50 (2025) | Ġenituri li għandhom tfal b'diżabilità fuq spejjeż ta' terapiji speċjalizzati u li ma jħallsux taxxa, se jibbenefikaw minn skema ġdida ta' għajnuna. | Madwar 2,045 tifel u tifla b'diżabilità li l-ġenituri tagħhom jistgħu jibbenefikaw mill-Iskema ta' Kreditu tat-Taxxa | **Implimentata** |
| 51 (2025) | Proġett pilota fiċ-Ċentru ta' Malta biex għall-ewwel darba se nipprovdu servizz ta' filgħaxija lill-persuni b'diżabilità severa. | Persuni b'diżabilità severa | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 52 (2025) | Jinfetaħ ċentru ieħor matul il-jum li għandu l-għan li joffri s-sapport meħtieġ biex jolqot il-bżonnijiet varjati ta' anzjani b'diżabilità. | Anzjani b'diżabilità | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 74 (2025) | Jinfetaħ one-stop-shop fin-Nofsinhar ta' Malta li se jservi bħala l-ewwel ċentru ta' taħriġ, riżorsi u riċerka għas-settur tal-volontarjat. | Aktar minn 1,800 organizzazzjoni volontarja | **Implimentata** |
| 75 (2025 | Jitwaqqaf bank ta' volontarjat biex dawk kollha li jixtiequ jagħtu sigħat b'xejn ta' volontarjat, inkluż professjonisti, jistgħu jingħaqdu f'dan il-proġett nazzjonali. Dan il-bank se jkun qed jgħin lill-għaqdiet volontarji biex jużaw dawn is-servizzi miġbura f'database ċentralizzata. | Aktar minn 1,800 organizzazzjoni volontarja | **Implimentata** |
| 76 (2025) | Nippremjaw lil dawk l-intrapriżi li jagħtu donazzjonijiet lill-għaqdiet volontarji fis-soċjal, fl-ambjent u fil-ħarsien tal-annimali, bi kreditu ta' taxxa sa massimu ta' €500. | L-intrapriżi li jagħtu donazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet volontarji fis-settur soċjali, li huma madwar 180 organizzazzjoni, kif ukoll lil dawk involuti fil-protezzjoni ambjentali u tal-annimali, li huma madwar 110 organizzazzjonijiet. | **Implimentata** |

MINISTERU
**GĦAL GĦAWDEX**
**U L-IPPJANAR**

## MGP

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 134 (2025) | Jibda jopera ċ-Ċentru Akkwatiku u Sportiv fir-Rabat, Għawdex. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 238.1 (2025) | Titkompla l-infrastruttura tat-toroq speċjalment dawk arterjali ġewwa Għawdex: Parti minn Triq it-Tabib A. Tabone, limiti x-Xewkija. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 238.2 (2025) | Titkompla l-infrastruttura tat-toroq speċjalment dawk arterjali ġewwa Għawdex: It-triq li mir-Rabat, Għawdex, twasslek għal Marsalforn. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 238.3 (2025) | Titkompla l-infrastruttura tat-toroq speċjalment dawk arterjali ġewwa Għawdex: Triq Ta' Wara s-Sur, ir-Rabat, Għawdex. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 238.4 (2025) | Titkompla l-infrastruttura tat-toroq speċjalment dawk arterjali ġewwa Għawdex: Triq il-Għajn, il-Fontana, Għawdex. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 284 (2025) | Tidħol fis-seħħ struttura ġdida tad-Direttorat tal-Konformità u l-Infurzar wara tibdil fil-prattiċi ta' ħidma sabiex kull uffiċjal tal-infurzar ikun responsabbli minn lokalità sħiħa, u mhux skont jekk is-sit jinsabx fiż-żona tal-iżvilupp jew barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ) jew fiż-żona ta' konservazzjoni urbana (UCA). | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 298 (2025) | Jibda x- xogħol ta' konsolidazzjoni strutturali u konservazzjoni tal-akkwadotti li qegħdin fit-triq li mir-Rabat, Għawdex, tmur għal Ta' Pinu. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 299 (2025) | Jibda x- xogħol ta' konsolidazzjoni strutturali u jsiru interventi ta' emerġenza f'Għar Gerduf. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 300.1 (2025) | Tnedija ta' skemi ta' restawr ta' postijiet u niċeċ ta' valur storiku jew artistiku fl-irħula Għawdxin. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 300.2 (2025) | Tnedija ta' skemi ta' restawr ta' postijiet u niċeċ ta' valur storiku jew artistiku fl-irħula Għawdxin. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 300.3 (2025) | Tnedija ta' skemi ta' restawr ta' postijiet u niċeċ ta' valur storiku jew artistiku fl-irħula Għawdxin. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 301 (2025) | Skema li permezz tagħha ser ngħinu finanzjarjament lil individwi/organizzazzjonijiet biex jikru fond li jkun jista' jintuża sabiex fih jinbnew il-karrijiet u l-maskri grotteski għall-Karnival f'Għawdex. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 313 (2025) | Jitkompla x-xogħol fuq il-bini tal-Mużew ta' Għawdex li ser ikun mużew interattiv li jiġbor taħt saqaf wieħed xogħlijiet artistiċi ta' din il-gżira. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## BMs 2022

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 90 (2022) | Ser ikompli l-bini ta' skola ġdida fir-Rabat, Għawdex. | **Implimentata f'Ġunju 2025** |
| 94.1 (2022) | Ser isiru proġetti ta' modernizzar f'numru ta' skejjel f'Għawdex. | **Implimentata f'Ġunju 2025** |
| 269 (2022) | Qed jitkompla b'pass imdaqqas, ix-xogħol fuq iċ-Ċentru Akwatiku u Sportiv. Permezz ta' dan l-investiment, Għawdex u l-Għawdxin ser ikunu qed igawdu minn pixxina ta' livell olimpiku kif ukoll padiljun sportiv ġdid fil-qalba tar-Rabat, Għawdex. Dan huwa l-ikbar investiment għall-qasam sportiv li qatt sar għal Għawdex. | **Implimentata f'Lulju 2025** |






# MINISTERU
# GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

## MHSE

### BMs 2025

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 108 (2025) | Tiġi varata l-konsultazzjoni tal-Politika għall-Migrazzjoni Ekonomika. | Din il-politika għandha l-għan li tiżgura li l-migrazzjoni ekonomika, tindirizza l-bżonnijiet futuri tas-suq tax-xogħol u tissaħħaħ ir-retenzjoni tal-forza tax-xogħol. | **Implimentata** |
| 109 (2025) | Insaħħu programmi ta' mentoring tal-Jobsplus billi jinżamm reġistru għall-persuni li jkunu laħqu l-età tal-irtirar u li juru x-xewqa li jkomplu jagħtu sehemhom f'dawn il-programmi. | Din il-miżura għandha l-għan biex ittejjeb il-ħiliet tal-ħaddiema, waqt li żżomm retenzjoni tal-ħiliet. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 110 (2025) | Inkomplu nagħtu l-għotja ta' €150 lill-persuni li jaħdmu ħinijiet atipiċi f'ċerti setturi. | Persuni li jaħdmu ħinijiet atipiċi. Permezz ta' investiment ta' €7 miljun ser tkun qiegħda tingħata ġustizzja ma' dawn il-ħaddiema. | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 258 (2025) | Ftehim settorjali għall-Forzi Armati ta' Malta (AFM). | 1,700 uffiċjal u suldat permezz ta' investiment ta' madwar €12-il miljun. | **Implimentata** |
| 259 (2025) | Ftehim settorjali għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD). | 400 uffiċjal tal-Protezzjoni Ċivili | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 260 (2025) | Titjieb l-iskema għal dawk li jdumu iktar minn 25 sena fis-servizz u jilħqu d-29 sena servizz. | Permezz ta' din il-miżura, il-korpi dixxiplinati ser ikunu qed iżommu aktar membri ta' esperjenza fi ħdanhom. | **Implimentata** |
| 261.1 (2025) | Jiġi estiż is-servizz tal-Pulizija tal-Komunità mal-pajjiż kollu: Tas-Sliema. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 261.2 (2025) | Jiġi estiż is-servizz tal-Pulizija tal-Komunità mal-pajjiż kollu: Ħal Qormi. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 262 (2025) | Jitnieda s-servizz tal-Police Patrol u Community Support Officers. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 263 .1 (2025) | Rinnovazzjoni tal-għases tal-pulizija –<br><br>L-Imsida. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 263.2 (2025) | Rinnovazzjoni tal-għases tal-pulizija –<br><br>Il-Ħamrun. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 263.3 (2025) | Rinnovazzjoni tal-għases tal-pulizija –<br><br>Ir-Rabat. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 264 (2025) | Jinfetaħ it-tieni hub għall-vittmi tal-vjolenza domestika fl-Imtarfa. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 265 (2025) | Vjolenza domestika - tibda tingħata l-faċilità tal-panic alarms. | Din il-miżura, b'baġit ta' €600,000, taffettwa l-vittmi li jkunu f'riskju estrem. | **Implimentata** |

| Nru | Miżura | Impatt tal-Miżura | Stat |
|---|---|---|---|
| 266 (2025) | Servizz ta' wens għall-vittmi tal-kriminalità li jagħmlu użu mis-servizzi tal-aġenzija se jinkludi childcare għal dawk li jkollhom it-tfal meta huma meħtieġa jidhru quddiem il-qorti. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 267 (2025) | Servizz ta' carer fir-residenza għal dawk il-vittmi tal-kriminalità li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Aġenzija li għandhom persuni anzjani u persuni b'diżabilità dipendenti fuqhom meta huma meħtieġa jidhru quddiem il-qorti. | Il-pubbliku inġenerali | **Implimentata** |
| 268 (2025) | Riforma tal-ġustizzja riparattiva - jibda jopera l-monitoraġġ elettroniku. | Il-pubbliku inġenerali | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |
| 269 (2025) | Jitkompla l-proġett ta' half-way houses ġodda għar-rijabilitazzjoni tal-priġunieri. | Priġunieri nisa | **Fil-Proċess ta' Implimentazzjoni** |

## BMs 2024

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 332 (2024) | Riforma fil-miżata tal-ħlas tal-single work permit ġodda. Fejn ħruġ ta' single work permit ġdid ser ikun ogħla, minn tiġdid tal-istess permess. | **Implimentata f'Lulju 2025** |
| 320.5 (2024) | Rinnovar tal-istazzjonijiet u l-bini ta' stazzjonijiet ġodda. Immodernizzar ta' Kordin Station | **Implimentata f'Lulju 2025** |

## BMs 2023

| Nru | Miżura | Stat |
|---|---|---|
| 49 (2023) | Ser jitnieda proċess ta' konsultazzjoni biex tiġi mibnija politika nazzjonali għall-ekonomija migratorja, li tiġi rakkomandazzjoni 22 tad-dokument tal-Politika Nazzjonali għax-Xogħol, fejn fiha ser naraw il-passi li jeħtieġu jsiru filwaqt li nimxu 'l quddiem b'mod sostenibbli għall-pajjiż. | **Implimentata f'April 2025** |
